# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.8

## Kap 5: Twieled Għalina

## Lezzjoni 5.8: Inferrħu lil xulxin.

## L-Għanijiet:



### It-tfal:

- Jitgħallmu kif japprezzaw ir-rigali li Alla jogħġbu jagħtina.
- Japprezzaw li huma xxurtjati li jistgħu jifirħu bit-twelid ta' Ġesù.
- Jagħrfu kif jaqsmu dan il-ferħ mal-oħrajn billi jixxerjaw u jaħdmu flimkien.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

1. Iċ-ċart **Alla tani ...**
2. Jigsaw puzzle (ta' xi 20 biċċa jew li fiha jkun hemm biċċa għal kulħadd) jew 2 jigsaw puzzles biex jaħdmu f'żewġ gruppi jekk ikun hemm aktar minn 20 tifel u tifla.
3. Online game-**Christmas gift wrapping**.
4. Karus tal-ISTRINA.
5. Karta Addizzjonali: Sib id-differenza.
6. Link għall-kanzunetta Thank you fuq http://www.youtube.com/watch?v=OcfqDPAy7zc



## Naqsmu flimkien

*Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu*



1. Ibda billi tfakkarhom fiċ-ċart **Alla tana** li għamiltu fil-lezzjoni 5.2 **X'rigal dan** fejn kienu pinġew stampi t'affarijiet li tana Alla.
2. Urihom il-logħba fejn jiksu rigali fuq il-link http://www.girlgames4u.com/christmas-gifts-wrapping-game.html
3. Meta kulħadd ikun missu darba, staqsihom,
    - Kieku kien ta' veru, lil min jixtiequ jagħtu dan ir-rigal u għaliex?
    - Kif iħossuhom meta jirċievu rigal? Ferħanin jew imdejqin?
    - Kif iħossuhom meta jagħtu rigal? Ferħanin jew imdejqin? Għaliex?
4. Fiehem lit-tfal li peress li għadhom żgħar, għandhom bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd kbir biex jixtru rigal. Imma xorta waħda jistgħu jferrħu lil min iħobbu avolja ma jagħtuhomx rigal. Kif?
    - Jġibu ruħhom kif suppost
    - Jgħinuhom
    - Jagħmlulhom rigal huma stess
5. Għid lit-tfal li issa ser turihom rigal li għalkemm żgħir u ma jiswiex flus, xorta jagħmel lil kulħadd kuntent.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

1. Uri lit-tfal il-kaxxa tal-jigsaw puzzle u staqsihom għal min jaħsbu li hi. Għidlhom li hi rigal għal kulħadd. Staqsi x'jaħsbu li ser nagħmlu. Staqsihom xi trid tagħmel biex tkun tista' tgħaqqad jigsaw puzzle.
    - tħares sew lejn il-biċċa u tipprova ssibilha postha
    - tħares sew lejn l-istampa
    - tqabbad il-biċċiet sew ma' xulxin.
2. Qassam biċċa jigsaw puzzle **waħda** lil kull tifel u tifla fil-klassi. Għidilhom li issa wasal il-ħin biex ngħaqqdu l-jigsaw puzzle. Staqsihom jekk jistgħux jgħaqqdu l-jigsaw puzzle waħedhom b'biċċa waħda. Ser ikun hemm xi tfal jgħidulek ma jistgħux u oħrajn ikunu jridu biċċiet tat-tfal l-oħrajn għalihom.

4. Kun ċara magħhom li jistgħu jgħaqqdu din il-jigsaw puzzle imma jridu jaħdmu flimkien. Staqsihom x'iridu jagħmlu biex jgħaqqdu din il-jigsaw puzzle u jiffurmaw stampa waħda.
5. Urihom il-post fejn ser jgħaqqdu din l-istampa (il-mejda tal-għalliema, fuq xi wiċċ ta' cupboard jew mejda għall-wiri). Fisser sew ir-regoli ta' kif ser jgħaqqduha. L-iktar ħaġa importanti hu li jgħaqqdu l-puzzle bil-kwiet u kemm jista' jkun malajr.
    - Irridu nfittxu l-biċċa tal-puzzle li taqbel ma' tagħna.
    - Nistgħu nqumu bil-wieqfa u fil-klassi nimxu biex naraw il-biċċiet tat-tfal l-oħra. Min jiġri jista' jweġġa' lil xi ħadd allura ma jkunx qed jgħin biex ngħaqqdu l-puzzle.
    - Meta ngħaqqdu xi biċċtejn niġu npoġġuhom flimkien fuq il-post miftiehem. Min jipprova jżomm il-biċċiet kollha għalih, jkun qed ifixkel biex ngħaqqdu l-puzzle.
6. Meta l-puzzle tkun magħquda, għid lit-tfal biex imorru lura f'posthom. Għidilhom li għadhom kemm tawk rigal kbir. U għadhom kemm taw rigal kbir lil xulxin. X'inhu dan ir-rigal? Meta naħdmu flimkien inkunu qed nagħtu rigal kbir lil xulxin.
7. Staqsihom x'kellhom jagħmlu biex minn biċċa kull wieħed, waslu biex jgħaqqdu stampa waħda. Gwidhom biex jifhmu li kellhom *jaqsmu l-biċċa tagħhom ma' l-*oħrajn (sharing) u *li kellhom jaħdmu ma' l-oħrajn (cooperating).* Jekk ikun hemm xi ħadd li ma kkoperax, staqsih x'seta' għamel aħjar biex ma jkunx hemm tfixkil.
8. Ikkonkludi billi tgħid li meta nixxerjaw u naħdmu flimkien aħna nkunu qegħdin nagħtu rigal lil xulxin.
9. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.6 Inferrrħu lil xulxin u bħala klassi għenhom iqabblu l-istampi . Wara jistgħu jpinġu l-istampi li m'għandhomx kulur.
10. Fakkarhom li mhux kulħadd jista' jifraħ dan il-Milied. Għalhekk jistgħu jagħtu xi rigal żgħir lil min hu fil-bżonn billi jġibu xi flus biex jitfgħu fil-karus tal-ISTRINA li hemm ġol-klassi. Dan il-ġest ikun sharing ukoll. Minħabba li din tkun l-aħħar lezzjoni tal-Milied qed tingħata Karta ta' **Taħriġ Addizzjonali** fejn it-tfal jistgħu jpinġu u fl-istess ħin qed tgħinhom josservaw u jevalwaw dak li qed jaraw.




## Nikbru flimkien (punti ewlenin tal-lezzjoni)

a) Il-Milied iġib ferħ kbir permezz ta' għoti ta' rigali, festini u ħlewwiet imma mhux kulħadd jista' jgawdi l-Milied.
b) Mhux nirċievu r-rigali biss imma nagħtu wkoll għaliex kulħadd jieħu gost bir-rigali.
c) Meta nixxerjaw u naħdmu ma' sħabna nkunu qed nagħtu rigal ukoll.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Napprezza r-rigali li naqilgħu billi ngħidu GRAZZI u nkunu qalbna tajba ma' min hu inqas ixxurtjat minna.

**Niċċelebraw flimkien**



- Flimkien inkantaw il-kanzunetta http://www.youtube.com/watch?v=OcfqDPAy7zc . Fakkar lit-tfal li biex ikunu tfal edukati jridu jgħidu 'grazzi' jew 'thank you' meta jaqilgħu xi rigal.
- Attivita' kross-kurrikulari : Waqt il-PE it-tfal jistgħu jilagħbu bil-paraxut. Din hija logħba fejn it-tfal iridu jikkollaboraw. Kull tifel u tifla irid iżomm tarf tal-paraxut. L-għan tal-logħba hu li, filwaqt li jċaqalqu l-paraxut, ma jħallux il-ballun jaqa' minn fuq il-paraxut.

**Nitolbu**



*Ġesù jien irrid .... biex nixbh lilek.*

*It-tfal isemmu xi ħaġa tajba li jistgħu jagħmlu għal ħaddieħor*

- *nixxerja iżjed*
- *ngħin lill-oħrajn*
- *naħfer lil min iweġġagħni.*